**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 494/02 JB**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Grapefruit Company Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm300.10c (tlett mitt lira Maltin u ghaxar centezmi) ghal servizzi ta' reklamar fuq ordni u nkarigu specifiku tieghu u l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta' attrici.

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat biex ihallas, inkluz permezz t'ittra bonarja fl-14 ta' Novembru 2001, huwa baqa' inadempjenti fil-hlas totali hawn fuq imsemmi.

Is-socjeta’ attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ tlett mitt lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm300.10c) kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra bonarja ta’ l-14 ta’ Novembru 2001, tal-mandat kawletatorju prezentat kontestwalment u l-interessi mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lil Dr Aaron Bugeja jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm300.10c (tlett mitt lira Maltin u ghaxar centezmi) ghal servizzi ta’ reklamar lill-konvenut fuq ordni u nkarigu specifiku tieghu u l-konvenut naqas li jhallas lis-socjeta’ attrici, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**